**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 420/14**

**Illum, 28 ta' Novembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Joshua Galea**
**(ID 552893M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Joshua Galea, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 552893(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 ta' Ottubru 2014 u matul is-sena qabel din id-data:

i) Biegħ jew xort'oħra traffika l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat kien tressaq taħt arrest quddiem din il-Qorti, kif diversement presjeduta, nhar is-7 ta' Settembru 2014, waqt liema seduta l-imputat wieġeb li mhuwiex ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti: Illi nhar is-6 ta' Settembru 2014 għall-ħabta tat-2.45pm, vettura tat-Taqsima tar-*Rapid Intervention Unit* li kienet qegħda fuq ronda ġewwa Triq it-Torri tas-Sliema lemħet vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 726, ħierġa minn ġo triq li tagħti għal ġo Triq it-Torri b'mod perikoluż. Għalhekk din il-vettura ġiet segwita mill-pulizija u eventwalment twaqqfet. In vista tal-aġir suspettuż tax-xufier Joshua Galea ossia l-imputat odjern, saret tfittixja fil-vettura, waqt liema tfittxija nstabu diversi pakketti suspettati li kienu jikkontjenu droga. Kemm l-imputat odjern, kif ukoll il-passiġġier fl-istess vettura, ċertu Sam Zina, ġew arrestati u ttieħdu ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal investigazzjoni ulterjuri.

L-imputat irrilaxxja stqarrija nhar is-6 ta' Settembru 2014 wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Illi l-ewwel kunsiderazzjoni li sejra tagħmel din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija, stante illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat bħala persuna suspettata u arrestata ma kellux id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu. Id-dikjarazzjonijiet tal-imputat fl-istess stqarrija kienu ċertament ta' preġudizzju

għalih għaliex huma tali li mhux biss jinkriminawh, iżda jinkriminawh fuq reati serji. Dwar dan fit-trattazzjoni finali tagħha tal-14 ta' Frar 2017, meta allura diġa` kien daħal fis-seħħ id-dritt ta' persuna arrestata li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorju tagħha, id-difiża tgħid hekk:

"*L-ewwel nett għandi problema dwar l-istqarrija għaliex għad hemm pendenti sentenzi li qed nistennew fuq mhux issa d-dritt li wieħed ikollu assistenza imma dak id-dritt kif jiġi eżerċitat. Għaliex? Għax jekk jirriżulta li l-Qrati Kostituzzjonali jsibu illi s-sempliċi dritt li titkellem qabel ir-rilaxx, dak huwa dritt kundizzjonat u ma jirriflettix il-ġurisprudenza Ewropea li l-avukat jipparteċipa, hemm hekk l-istqarrija ser tfalli.*"[1]

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali riċentement fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent</u>*

[1] A fol. 403 tal-process.

*__fl-assenza ta' avukat li jassistih__. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali – f'dak il-każ, kuntrarjament għal dan il-każ, l-eżitu in kwantu l-piena u mhux in kwantu l-ħtija o meno tal-istess rikorrenti la darba huwa rreġistra ammissjoni fil-proċeduri – u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. F'dan il-każ, għalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi iżjed u iżjed għandha tqis l-istqarrija tal-imputat odjern, li kienet ta' preġudizzju għalih u timpinġi direttament fuq is-sejbien ta' ħtija o meno tiegħu f'dawn il-proċeduri, bħala inammissibbli u għalhekk qegħda tiskartaha. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza riċenti tagħha tat-22 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Claire Farrugia__**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħhha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni. Fid-dawl ta' dawn is-sentenzi u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea hemmhekk ċitati, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala inammissibbli.

**Ikkunsidrat:**

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, **PC 1039 Marshall Mallia** jgħid illi nhar is-6 ta' Settembru 2014 għall-ħabta tat-2.45pm, huwa kien qiegħed jagħmel ronda flimkien ma' PC 450 ġewwa Tas-Sliema. Jgħid ukoll illi huma u għaddejjin minn Triq it-Torri, lemħu vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 726 li baqgħet ħierga minn fuq *stop sign*. Peress illi dan is-sewqan qanqal suspett, u wara li għamlu wkoll kuntatt mal-*control room,* huma waqqfu din il-vettura u talbu lis-sewwieq jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan u l-assikurazzjoni tal-vettura, liema dokumenti gew lilhom provduti mill-imputat odjern, li dak il-ħin kien fil-kontroll tal-vettura. Ix-xhud iżid jgħid illi peress illi l-imputat xorta baqa' jidher beżgħan, dan qanqal suspetti ulterjuri u għalhekk saret tfittxija fil-vettura, b'riżultat ta' liema, taħt is-*seat* tax-xufier instab *envelope* bin-numru '150' miktub fuqu u ġewwa fih,

borża li kienet tikkontjeni sustanza suspettata ħaxixa. Minn tfittxija ulterjuri, fl-istess vettura nstab ukoll *backpack* tal-marka *Eastpak* mal-art, quddiem is-*seat* tal-passiġġier Sam Zina, liema *backpack* kien fih borża roża tal-plastik u ġo din il-borża, kien hemm kaxxa tal-plastik kontenenti xi boroż li kien fihom sustanza suspettata ħaxixa u miżien.[2] Kien hemm ukoll *notebook*. Ħdejn il-*backpack*, fl-istess post mal-art quddiem is-*seat* tal-passiġġier, kien hemm ukoll basket tal-karti kannella li kien fih diversi *envelopes* ukoll b'diversi numri fuqhom, liema *envelopes* kienu jikkontjenu sustanza suspettata ħaxixa.[3]

Fix-xhieda tiegħu, **PC 450 Christopher Bartolo** jikkonferma x-xhieda ta' PC 1039 Marhsall Mallia.[4]

Fil-mori tal-proċeduri ġiet esebita wkoll vera kopja tal-proċess verbal tal-inkjesta li saret dwar din is-sejba[5], liema proċess verbal jikkontjeni r-relazzjoni tal-espert **Kurt Mahoney** maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex tiġi estratta informazzjoni minn żewġ *mobile phones*, wieħed tad-ditta Samsung u l-ieħor tad-ditta HTC.[6]

Mir-relazzjoni ta' **PC 650 Justin Tabone**, maħtur fil-mori tal-inkjesta bħala *Scene of the Crime Officer* sabiex jeleva s-sustanzi u l-oġġetti relatati mad-droga in konnessjoni ma' dan il-każ[7], jirriżulta illi fuq il-post ossia ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Pierre Grech, ġew indikati lilu diversi oġġetti relatati mad-droga ossia i) *envelope* tal-karti kontenenti borża b'sustanza suspettata illegali, ii) basket tal-karti kontenenti erba' *envelopes* tal-karti li fihom kellhom ukoll borża b'sustanza suspetatta illegali, kif ukoll iii) *backpack* kontenenti xi oġġetti relatati mad-droga u sustanza suspettata illegali.

Skont l-istess relazzjoni, l-*envelope* tal-karti li kien separat għalih waħdu kellu fuqu numru '150' u kien jikkontjeni borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm sustanza suspettata illegali, li kienet tiżen madwar 156.2 grammi. Dan l-*envelope* u l-kontenut tiegħu ġie dokumentat bil-Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku bħala Dok 14 CEL 201.

In oltre jirriżulta wkoll illi l-basket tal-karti, bil-kliem 'Terranova', kellu fih erba' *envelopes* tal-karti simili bħal dak imsemmi iżjed 'il fuq, liema *envelopes* kellhom

---

[2] Ix-xhud PC 450 Christopher Bartolo jiddeskrivi dak li nstab f'din il-borża roża bħala li kien fiha diversi kontenituri tal-plastik li fihom kien hemm xi miżien u boroż oħra tal-plastik u jgħid illi f'kontenitur ieħor kien hemm iktar bħal frak tal-ħaxixa.
[3] Ara din ix-xhieda a fol. 17 sa 21 tal-proċess.
[4] Ara din ix-xhieda a fol. 22 sa 26 tal-proċess.
[5] Ara a fol. 163 sa 202 tal-proċess.
[6] Vera kopja ta' din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 173 sa 199 tal-proċess. L-espert Kurt Mahoney imbagħad ikkonferma r-relazzjoni tiegħu fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2016, a fol. 377 u 378 tal-proċess.
[7] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 70 sa 76 tal-proċess.

fuqhom numru u kienu jikkontjenu borża tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm sustanza suspettata illegali.  Dawn l-*envelopes* ġew iddokumentati hekk:

i) Dok 14 CEL 202A - *envelope* tal-karti b'numru '200' fuqu, kontenenti borża tal-plastik trasparenti li kien fiha sustanza suspettata illegali, tiżen madwar 204.2 grammi;

ii) Dok 14 CEL 202B – *envelope* tal-karti b'numru '100' fuqu, kontenenti borża tal-plastik trasparenti li kien fiha sustanza suspettata illegali, tiżen madwar 104.5 grammi;

iii) Dok 14 CEL 202C – *envelope* tal-karti b'numru '100' fuqu, kontenenti borża tal-plastik trasparenti li kien fiha sustanza suspettata illegali, tiżen madwar 96.1 grammi;

iv) Dok 14 CEL 202D – *envelope* tal-karti b'numru '100' fuqu, kontenenti borża tal-plastik trasparenti li kien fiha sustanza suspettata illegali, tiżen madwar 107.7 grammi.

Jirriżulta wkoll illi l-*backpack* tal-marka *Eastpack* ġie dokumentat bħala Dok. 14 CEL 203.  Apparti xi oġġetti li kienu f'kompartiment żgħir fuq quddiem tal-*backpack*, li ġew iffotografati minn PS 1392 K. Buhagiar, ġewwa l-kompartiment prinċipali tal-basket kien hemm tliet *envelopes* tal-karti ta' daqs A4, simili għall-oħrajn, pakkett *envelopes* żgħar ta' lewn abjad, flixkun tal-plastik u pakkett *tissues*, kif ukoll borża jew *packaging* tal-plastik bil-kliem '*Canbebe'* li fiha kien hemm żewġ kaxxi tal-plastik tal-ġelat u *spiral notebook* b'xi kliem u numri fuqu.  Waħda minn dawn il-kaxxi bil-kliem *Cafe` Morani*, kellha fiha sustanza suspettata illegali u kontenitur tal-plastik.  Il-kaxxa l-oħra bil-kliem *Carte d'Or*, kien fiha miżien diġitali ta' lewn griż u pakkett boroż tal-plastik.  Dawn l-oġġetti ġew dokumentati hekk:

i) Dok 14 CEL 203A - Kaxxa tal-plastik '*Cafe` Morani'*, kontententi sustanza suspettata illegali u kontenitur tal-plastik, li tiżen madwar 72.1 gramma;

ii) Dok 14 CEL 203B - Kaxxa tal-plastik '*Carte d'Or'*, kontententi miżien diġitali u boroż tal-plastik trasparenti;

iii) Dok 14 CEL 203C - *spiral notebook* b'xi ismijiet u numri fuqu;

iv) Dok 14 CEL 203D - tliet *envelopes* A4, pakkett *envelopes* żgħir u borża tal-plastik '*Canbebe*'.

PC 650 Justin Tabone żied jgħid fir-relazzjoni tiegħu illi l-oġġetti dokumentati Dok 14 CEL 201, 202A sa 202D, 203A u 203B ġew ikkonsenjati minnu lix-Xjenzat Godwin Sammut, filwaqt li dawk dokumentati 14 CEL 202, 203C u 203 D ġew ikkonsenjati minnu lil PS 659 Jeffrey Hughes u dan kif jirriżulta mis-*Submission Forms* esebiti u mmarkati Dok. 14 CEL-SF-GS u Dok. 14 CEL-SF-JH.[8]

In atti ġiet esebita wkoll ir-relazzjoni ta' **PS 659 Jeffrey Hughes** li esegwixxa analiżi forensika għall-impronti diġitali fuq l-oġġetti elenkati iżjed 'il fuq.[9]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut** jirriżulta illi fuq l-estratti meħuda mill-ħaxix li kien jinsab fl-*envelopes* dokumentati 14 CEL 201, 202A, 202B, 202C, 202D u fil-kaxxa tal-plastik dokumentata 203A, li sussegwentement ngħataw il-Kodiċi tal-Laboratorju numru 242_14_01 sa 242_14_06 mill-istess Xjenzat, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, liema sustanza kellha piz totali ta' 664.82 grammi u purita` ta' ċirka 6.5%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-cannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-istess relazzjoni, jirriżulta wkoll illi l-piż rispettiv tas-sustanzi fl-*envelopes* u l-kaxxa immarkati bil-kodiċi rispettiv 242_14_01 sa 242_14_06 kien hekk: 152g, 200g, 100g, 92g, 104g u 16.82g.

Ukoll skont l-istess relazzjoni, skont il-*Malta National Report 2012*, il-valur ta' *cannabis herb* huwa ta' €25/gramma, li jagħti valur ta' €16,620.50.

Jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi fuq *swab* meħuda minn fuq il-miżien fid-dokument 242_14_07 ossia Dok 14 CEL 203B skont ir-relazzjoni ta' PC 650 Justin Tabone u skont is-*submission form* relattiva[10], instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethylamphetamine (MDMA)*, liema sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.[11]

Jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tal-espert **Joseph Mallia** illi fil-waqt illi numru ta' impronti kkomparati mal-formola tal-impronti diġitali u mal-formola tal-pali tal-idejn tal-imputat odjern taw riżultat negattiv, fil-waqt illi numru ta' impronti oħrajn

---

[8] L-oġġetti elevati u deskritti fir-relazzjoni ta' PS 650 Justin Tabone jidhru fir-ritratti esebiti mar-relazzjoni ta' PS 1392 Kevin Buhagiar, maħtur bħala *Scene of the Crime Officer* fil-mori tal-inkjesta, li tinsab esebita a fol. 231 sa 257 tal-proċess.

[9] Din tinsab esebita a fol. 79 sa 156 tal-proċess.

[10] A fol. 215 tal-proċess.

[11] Ara a fol. 207 sa 221 tal-proċess.

kienu neqsin mill-punti karatteristiċi li jwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u għalhekk ma setgħux isiru l-eżamijiet komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti u l-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat odjern, l-impronti fuq id-dokumenti 14 CEL N 1, 14 CEL N 2, 14 CEL N 3, 14 CEL N 6, 14 CEL N 14 A u 14 CEL SG 36 ġew imqabbla pożittivament mal-marki tas-swaba' tal-imputat.[12]

Fil-proċeduri odjerni, xehed ukoll **Andre` Azzopardi** in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qorti, li esebixxa formalment borża trasparenti ssiġillata kontenenti droga u affarijiet relatati, liema esebit immarkat KB/112/2015, kien ġie esebit fil-proċeduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Sam Zina' u jinsab fl-i*strong room* tal-Qorti.[13]

Xehed ukoll l-**Ispettur Herman Mula** li fost xhieda li ma tistax ħlief tiġi kkunsidrata bħala *detto del detto*, xehed illi huwa kien kellem lill-imputat, li da parti tiegħu kien ikkopera mal-pulizija.

Da parti tiegħu, l-imputat **Joshua Galea** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri.[14] Huwa jispjega fost oħrajn illi fil-jum li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni huwa kien akkwista 150 gramma weraq tal-*cannabis* bil-prezz ta' €600. L-imputat jgħid illi din kienet dik is-sustanza ġewwa l-*envelope* li kien instab taħt is-*seat* tiegħu fil-vettura misjuqa minnu, filwaqt li l-basket u l-affarijiet l-oħra fuq in-naħa tal-passiġġier ma kinux tiegħu. Huwa jikkonferma wkoll illi meta ġie arrestat u interrogat, huwa kien stqarr illi dawn l-istess 150 gramma kien xtrahom għall-użu personali tiegħu u bihom kien ser jagħmel *space cake* u jgħid illi effettivament dan kien minnu. Jgħid ukoll illi l-uffiċjali li kienu qegħdin jinvestigawh ftit li xejn emmnu dak li kien qiegħed jgħid, tant illi baqgħu jinsistu miegħu għal sigħat sħaħ illi dik id-droga kien akkwistaha sabiex jittrafikaha. Huwa jgħid illi f'dawk iż-żminijiet huwa kien għaddej minn perjodu daqsxejn diffiċli u li kien jikkonsma ħafna cannabis u li apparti li kien ipejjep, huwa kien anke jikkonsma l-cannabis f'forom oħra fosthom billi jaħmi *space cakes* u li dan kien jagħmlu billi jsegwi l-istruzzjonijiet li kien jara għal dan il-għan fuq *You Tube* u billi kien anke jħallat il-cannabis mal-*yoghurt*. Jgħid illi in vista tal-kwantita` ta' cannabis li kien jikkonsma, huwa kien xtara l-cannabis in kwistjoni anke peress li kien ħadha bi prezz baxx. Jispjega illi fil-waqt li normalment kien iħallas bejn għaxar u ħmistax il-ewro għal kull gramma, il-prezz li huwa ħallas fil-jum in kwistjoni kien biss ta' erba' ewro għal kull gramma, anke għaliex skont hu, din kienet ta' kwalita` inferjuri. Huwa jsostni fix-xhieda tiegħu illi huwa qatt ma biegħ droga u li kien ipejjep dak kollu li kien jixtri. Fuq domanda tal-Proskuzzjoni, in kontro-eżami, l-imputat jgħid illi l-verita`

---

[12] Ara r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, a fol. 269 sa 371 tal-proċess.
[13] Ara a fol. 203 u 204 tal-proċess.
[14] Ara din ix-xhieda a fol. 381 *et seq* tal-proċess.

kienet li huwa kien, b'dawn il-weraq, ser jagħmel *space cake* u li ma kienx minnu illi kellu l-ħsieb li jbiegħ minn din id-droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti ma jibqa' l-ebda residwu ta' dubju illi dak inhar tas-6 ta' Settembru 2014, fil-vettura misjuqa mill-imputat tal-għamla Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni AAF 726, instabu 664.82 gramma ta' ħaxixa tal-cannabis ta' purita` ta' 6.5%. Madankollu, wara li qieset il-provi prodotti, inkluż ix-xhieda tal-imputat odjern f'dawn il-proċeduri, il-Qorti m'għandhiex dubju illi kienet biss il-cannabis li nstabet taħt is-*seat* tax-xufier tal-istess vettura, f'piż ta' 152 grammi, li kienet fil-pussess tal-istess imputat u li kienet tappartjeni lilu. Ir-rimanenti droga cannabis, inkluż l-oġġetti l-oħrajn relatati mad-droga bħal miżien u boroż, minkejja li wkoll instabu fil-vettura misjuqa mill-imputat, kienu in parte f'basket tal-karti u in parte f'*backpack,* li nstabu mal-art quddiem il-passiġġier ossia Sam Zina. Effettivament, il-Qorti tqis ukoll illi l-istess Prosekuzzjoni lanqas ma qegħda tallega illi l-imputat odjern għandu jwieġeb għad-droga kollha li nstabet fil-vettura jew għall-oġġetti l-oħra li nstabu, tant illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni, l-imputat qed jiġi addebitat bl-ammont ta' cannabis li nstab taħt is-*seat* tax-xufier, fil-waqt illi Zina ġie addebitat bil-bqija, apparti li l-Uffiċjal Prosekutur jaċċena wkoll għall-fatt illi kien biss l-imputat odjern li fir-rigward tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-każ jinstema' minn din il-Qorti fil-kompetenza tagħha surreferita.

Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tiddeċiedi dwar jekk jirriżultax ippruvat illi l-imputat traffika l-pjanta tal-cannabis fit-termini tal-ewwel imputazzjoni, kif ukoll jirriżultax ippruvat illi d-droga in kwistjoni nstabet f'tali ċirkostanzi illi juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tieghu, fit-termini tat-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni, skartata l-istqarrija tal-imputat għar-raġunijiet fuq indikati – u hawn irid jingħad ukoll illi anke li kieku l-istqarrija ma ġietx skartata, il-Qorti kienet tibqa' tal-istess fehma dwar din l-imputazzjoni – il-Qorti tqis illi ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx għall-użu personali tiegħu. Din il-Qorti kellha l-opportunita` illi tisma' lill-imputat u tifli wkoll il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda u tista' tgħid illi anke waqt din ix-xhieda tiegħu, dehrilha illi huwa kien qed jgħid il-verita`. Effettivament, apparti l-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, ix-xhieda tal-imputat hija verosimili u kredibbli u m'hemm xejn fiha li jwassal lill-Qorti sabiex tiddubita mill-verżjoni tiegħu jew iwassalha sabiex tikkonkludi li tali droga ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu. Fid-dawl ta' dak li jixhed l-istess imputat, il-Qorti m'għandhiex dubju illi huwa kien jagħmel użu sostanzjali mill-cannabis u fil-fehma

tal-Qorti, qajla wieħed seta' jagħti ċertu dettalji dwar il-mod kif huwa kien jikkonsma l-cannabis jekk mhux għaliex verament kien jagħmel dan. Saħansitra fit-trattazzjoni finali tagħha anke l-Prosekuzzjoni tiddeskrivi lill-imputat bħala "*qisu lanqas jaf x'laqtu dan it-tifel*". Għalkemm forsi dan m'huwiex l-iżjed kliem feliċi li wieħed jista' juża, biss l-impressjoni li ħalla l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda kienet ċertament waħda li tikkombaċja perfettament mal-verżjoni mogħtija minnu waqt ix-xhieda tiegħu. Il-Qorti ftit li xejn jifdlilha dubju dwar il-kwantita` ta' cannabis li l-imputat jgħid li kien jikkonsma, jew li bid-droga li kien xtara huwa kien ser jagħmel l-użu minnu indikat fix-xhieda tiegħu. Minkejja indizzji bħal impronti diġitali fuq il-baskett tal-karti li kien fil-pussess ta' Zina u waħda mill-boroż tal-plastik li fihom instabet id-droga, u minkejja wkoll il-messaġġi fuq il-*mobile phone* elevat, li dwaru l-Qorti ser tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha iżjed 'l isfel, il-Qorti tqis illi ma jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi illi l-ammont ta' droga misjub fil-pussess tal-imputat u li għalih huwa kien ħallas separatament minn sieħbu, ma kienx intiż għall-użu personali tiegħu, minkejja wkoll li dan mhux ammont li wieħed normalment jassoċjah ma' użu personali. Anzi l-Qorti jidhrilha illi l-imputat wera sal-grad tal-probabbli, li dak l-ammont kien intiż esklussivament għalih.

Għaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati biss tal-pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-cannabis, reat kompriż fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni.

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-cannabis u dan in vista ta' dak li stqarr fl-istqarrija minnu rilaxxjata wara li huwa ġie arrestat. Skartata din l-istqarrija, l-unika prova li tista' tixħet dawl fuq ir-raġuni għaliex l-imputat ġie addebitat b'din l-imputazzjoni tinsab fir-relazzjoni tal-espert Kurt Mahoney, speċifikatament il-messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phone* Samsung. Minkejja li l-imputat instab f'ammont konsiderevoli ta' cannabis, huwa evidenti illi din ma kinitx ir-raġuni għalfejn l-imputat ġie akkużat bir-reat ta' traffikar tal-pjanta tal-cannabis, għaliex sa dak il-ħin tal-arrest tiegħu, huwa kien għadu fil-pussess ta' din id-droga u m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi li huwa kien ipprovda minnha lil terzi persuni jew illi offra li jagħmel dan. Il-Qorti tinnota wkoll illi din l-imputazzjoni, bħat-tieni waħda, fil-fatt ma tirreferix biss għall-jum tas-sejba, iżda wkoll għas-sena ta' qabel din id-data.

Skont ir-relazzjoni tal-imsemmi espert, huwa ngħata żewġ *mobile phones*, wieħed Samsung u ieħor HTC. Skont l-istess espert, il-*Whats App* fuq il-*mobile* Samsung huwa bl-isem ta' Joshua Galea u s-CV ta' ċertu Joshua Galea nstabet fuq il-*MicroSD card* li kienet fil-*mobile phone* tad-ditta Samsung.

Il-Qorti tinnota illi għalkemm ir-relazzjoni tal-istess espert tindika li erba' *extraction reports* tal-kontenut kollu tal-*mobile phones* u s-*SIM cards*, inkluż l-*image file*

orġinali tal-*MicroSD card* jinsabu fuq disa' DVDs immarkati bħala Dok. KM2, biss dawn id-DVDs ma ġewx esebiti fl-atti. Dan in-nuqqas huwa x'aktarx riżultat tal-fatt illi fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġiet esebita vera kopja tal-istess relazzjoni, iżda l-Prosekuzzjoni ma ħaditx ħsieb titlob li tiġi esebita kopja tal-imsemmija DVDs għal fini ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk il-Qorti m'għandhiex a disposizzjoni tagħha dak kollu li ġie estratt mill-imsemmija *mobile phones*, iżda biss dak illi għalih jagħmel referenza l-espert Mahoney fir-relazzjoni tiegħu, li jfisser ukoll illi l-messaġġi ndikati mill-espert ma jistgħux jiġu evalwati mill-Qorti fil-kuntest tagħhom. Jista' jkun illi messaġġ meħud waħdu u mhux fil-kuntest li fih ikun inkiteb joħloq suspett li dan jista' jkun relatat ma' droga, iżda dan l-eżerċizzju jaf ukoll ikun perikoluż jekk wieħed ma jkollux il-kuntest kollu li fih ikun inkiteb il-messaġġ a disposizzjoni tiegħu.

Meħud in konsiderazzjoni l-kontenut indikat fir-relazzjoni tal-espert, il-Qorti tqis illi jirriżulta ppruvat illi l-*mobile phone* tad-ditta Samsung kien jappartjeni lil Joshua Galea, għalkemm l-uffiċjali tal-pulizija li arrestaw lill-imputat odjern ma jagħmlu l-ebda aċċenn għas-sejba ta' dan il-*mobile phone*. Dan il-Qorti qegħda tgħidu wkoll għaliex xi wħud mill-messaġġi li għalihom jagħmel referenza l-espert fir-relazzjoni tiegħu jirreferu proprju għal 'Joshua' u parti minn *Facebook chat* meħud mill-istess Samsung juri li xi wħud mill-messaġġi nkitbu minn 'Joshua Galea'. Għalhekk qajla jista' jkun hemm dubju illi dan il-*mobile phone* kien jappartjeni lill-imputat odjern.

Il-Qorti eżaminat il-messaġġi li jidhru fir-relazzjoni tal-espert Kurt Mahoney, u fil-waqt illi żżomm ferm il-kunsiderazzjonijiet tagħha magħmula iżjed 'il fuq dwar dawn il-messaġġi, tqis illi għalkemm xi wħud minnhom jistgħu jiġu interpretati bħala li huma konnessi ma' traffikar ta' droga, bħal per eżempju, il-messaġġi mibgħuta minn 'ommissis fl-4 ta' Settembru 2009 bil-kliem "*għandi bżonn 50e peter*", "*andek?*", fi kwalunkwe każ la minn dan il-messaġġ u lanqas mit-tweġiba tal-imputat għal dawn il-messaġġi, "*pepsi jew bob jew mario*"[15], ma tista' l-Qorti tasal għall-konklużjoni illi dawn il-messaġġi jirreferu proprju għall-pjanta tal-*cannabis*. L-istess fir-rigward tal-messaġġi s-segwenti: "*Sibtlek bejh al pepsi*"; "*Erga ajdli*"; "*...ejjew bilfors ghid liz ziba aibtlu al pepsi*" u wara l-messaġġ "*Zina mieghek? Aw ejjew plss*"[16], il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi illi 'pepsi' tirreferi għall-cannabis grass. L-istess dwar ir-referenza għal 'Mario' f'messaġġi oħrajn indikati fir-relazzjoni tal-istess espert. In oltre għalkemm fuq l-istess *mobile*, l-espert sab *screenshot* ta' *Privnote* bil-kliem "*sibt northern lights bil 14.75 very nice smoke :) u min tac cheap bis 6*"[17], mill-istess relazzjoni ma jistax jingħad jekk dan

[15] Ara a fol. 186 tal-proċess.
[16] Ara a fol. 187 tal-proċess.
[17] A fol. 188 tal-proċess.

il-messaġġ ġiex mibgħut jew riċevut mill-imputat, apparti illi dan il-messaġġ lanqas ma jidher datat.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi ma jirriżultax sodisfacentement ippruvat illi l-imputat traffika l-pjanta tal-cannabis jew parti minnha ai termini tal-ewwel imputazzjoni, kif lanqas ma tirriżulta ppruvata dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tirreferi għas-sena ta' qabel is-6 ta' Settembru 2014.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Settembru 2014, mil-liema jirriżulta illi l-imputat kien instab ħati ta' serq aggravat, f'każ li kien jirrisali għas-sena 2006, u dwar liema huwa kien ingħata liberazzjoni kundizzjonata għall-perjodu ta' tliet xhur u tar-reat kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 340(c) tal-Kap. 9. Jidher madankollu kemm mix-xhieda tal-istess imputat, kif ukoll mid-dokument rilaxxjat mill-Aġenzija Sedqa datat 13 ta' Frar 2018 u esebit bħala Dokument JG, illi huwa ma baqax jagħmel użu mill-cannabis. Skont l-istess dokument, minn erba' kampjuni tal-urina li huwa ssottometta lill-istess Aġenzija fix-xahar ta' qabel, tlieta rriżultaw fin-negattiv għal sustanzi illeċiti. Ir-riżultat dwar l-aħħar kampjun kien għadu mhux disponibbli. Ukoll skont l-istess dokument, l-imputat sab impjieg u kien ukoll dispost li jkompli jirċievi s-servizzi tal-Aġenzija sabiex ikompli fit-triq li qabad il-bogħod mid-droga.

Qieset ukoll illi kif anke xehed l-Ispettur Herman Mula, l-imputat ikkopera ferm mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħhha.

Ikkunsidrat ukoll mill-banda l-oħra l-ammont ta' cannabis misjub fil-pussess tal-imputat, liema ammont ċertament ma kienx wieħed insinjifikanti.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, b'dan illi qed issibu ħati tar-reat ta' pussess 'sempliċi' tal-pjanta tal-cannabis kollha jew biċċa minnha, reat kompriż fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni u f'dan ir-rigward qegħda tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum, kif ukoll għall-piena ta' multa ta' ħames mija u ħamsin ewro (€550), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli

jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u in vista tal-fatt illi r-relazzjonijiet tal-esperti jirreferu għal droga misjuba fil-pussess tal-imputat u droga u oġġetti relatati misjuba fil-pussess ta' terza persuna, il-Qorti ser tikkundanna lill-ħati biss sabiex iħallas frazzjoni ta' wieħed minn ħamsa (1/5) tal-ispejjeż konnessi man-nomina tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż ma jirriżultawx mill-atti u għalhekk għandhom jiġu determinati mir-Reġistratur tal-Qorti, l-istess frazzjoni tal-ispejjeż konnessi man-nomina ta' PC 650 Justin Tabone, liema spejjeż ukoll ma jirriżultawx mill-atti u għalhekk għandhom jiġu determinati mir-Reġistratur tal-Qorti, nofs l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' PS 659 Jeffrey Hughes ammontanti għas-somma ta' mitejn u tmintax-il ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€218.41), nofs l-ispejjeż tal-espert Kurt Mahoney[18], ammontanti għas-somma ta' ħames mija, tlieta u disgħin ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (€593.64), frazzjoni ta' wieħed minn ħamsa (1/5) tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1392 Kevin Buhagiar, ammontanti għas-somma ta' tlieta u tletin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€33.74) u nofs l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, ammontanti għas-somma ta' disa' mija u dsatax-il ewro, tlieta u ħamin ċenteżmu (€919.53). Tali spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati fi kliem car u semplici, bil-konsegwenzi skont il-ligi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti m'hijiex qegħda f'dan l-istadju tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita fl-atti tal-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr Francesco Depasquale dwar l-inkjesta li saret in konnessjoni ma' dan il-każ u dan fid-dawl tal-fatt illi din tista' tkun meħtieġa fi proċeduri separati kontra terzi persuni. Il-Qorti qegħda għalhekk tirriżerva li tipprovdi dwar id-distruzzjoni tal-istess sustanza fuq talba tar-Reġistratur tal-Qorti u dan wara li jiġi aċċertat illi l-istess esebit m'għadux iktar meħtieg in konnessjoni ma' proċeduri oħrajn fil-konfront ta' terzi.

---

[18] Il-Qorti tirrileva illi ma jirriżultax mill-atti lil min kien jappartjeni l-*mobile phone* HTC. In oltre qegħdin jiġu mnaqqsa wkoll l-ispejjeż peritali konnessi ma' "*DVD production including data exports and preparation and Light Scribing*" ammontanti għas-somma ta' €159.30 u l-ispejjeż relatati ma' "*Lightscribe DVD*", ammontanti għas-somma ta' €6.37, stante illi kif ingħad id-DVDs baqgħu ma ġewx esebiti f'dawn il-proċeduri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat